# L-ERWIEĦ TAL-BJAR U TAL-GĦEJJUN

Fl-artijiet kollha Xerqijin mill-qedem nett, jitwemmen li l-għejjun u l-bjar tal-ilma jgħammru fihom l-erwieħ. Dawn l-erwieħ huma ta' tliet xorta: erwieħ tal-ajru, jew ta' fuq l-art; erwieħ tal-art, u erwieħ tal-qiegħ, jew ta' taħt l-art.

Biex bir, jew għajn tal-ilma, jgħidu huma, ikun mgħammar minn ruħ, jaħtieġ li jew l-ilma ikun qiegħed f'naħa ħalja min-nies, jiġifieri *deserta,* jew taħt xi ħarġa siġar, u jaħtieġ ukoll li d-dija tax-xemx ma tolqot qatt ix-xquq fil-blat minn fejn ikun ħiereġ l-ilma. Jekk għajn jew bir ikun kif għedin insemmu, jaħsbu x-Xerqijin, ma jistax jonqos li ma jkunux imgħammra mill-erwieħ. U xi għajn li tkun qriba minn xi ħerba qadima, jiġifieri xi bini mġarraf, tkun imgħammra wkoll mill-erwieħ ta' dawk in-nies li kienu jgħammru f'dik il-ħerba. Hekk ukoll jekk għajn tkun qrib minn xi qabar ta' xi Weli (Weli huwa qaddis tal-Misilmin) tkun tgħammar fih ir-ruħ ta' dak il-Weli.

Fil-Palestina hemm għaejjun magħmula minn *sifon naturali* (jiġiferi, taħt l-art ikun hemm għar fil-blat. Meta l-għar jinmtela, il-għajn tagħti l-ilma sa kemm jifriegħ; meta jifriegħ, il-għajn taqta' sa kemm jarġa' jinmtela). In-nies ta' hemm għal dawn l-għejjun qabblu ħrafa. Jgħidu li f'dawn il-għejjun hemm jgħammru żewġt erwieħ: ruħ *beda u ħurra* (bajda u ħielsa) u ruħ *għabda u jasira* (sewda u lsira). Dawn iż-żewġt erwieħ dejjem jiġġieldu, u meta tagħleb ir-ruħ il-bajda, joħroġ l-ilma, u meta tagħlab ir-ruħ is-sewda, l-ilma jaqta'. Għax ir-ruħ il-bajda tħobb in-nies u trid tisqihom, imma r-ruħ is-sewda tobgħodhom u trid tgħakkishom bil-għatx.

Fil-Palestina hemm ukoll għejjun tal-ilma sħun. Waħda minn dawna qegħda ħdejn il-belt ta' Tabarija. Il-Fellaħin ta' dawk l-inħawi (meta kien hemm, għax issa dik in-naħa qegħda f'idejn il-Lhud, u Għarab ma hemmx), kienu jemmnu li l-misħun li joħroġ mill-blat jiġi kif sa ngħidu hawn.

Taħt l-art, jgħidu huma, hemm qatiegħ *ebelis* (xjaten, jew erwieħ ħżiena) li jsaħħnu l-ilma qabel ma jasal fil-wiċċ. In-nar jagħmluh biż-żibel niexef tal-baqar, li huma (l-ebelis) iġibuh minn bgħid. Iġibuh minn ġewwa għar li qiegħed f'wied in-naħa ta' raħal jismu Dejr-Diwan. In-nies ta' Dejr-Diwan iżommu għadd kbir ta' mogħoż, nagħaġ u baqar ġewwa dak il-għar bil-lejl, imma meta jiġu fil-għodu, il-għar isibuh dejjem nadif, mingħajr ħmieġ ta' bhejjem, għax il-ħmieġ ikunu ħaduh l-*ebelis* biex jagħmlu n-nar bih. Dan ix-xogħol li jsaħħnu l-ilma lil *ebelis* kien amarhom jagħmluh Salamun. U billi huma kollha għomja u torox, għadhom ma jafux li Salamun ilu mejjet eluf ta' snin, għal hekk għadhom kull lejl jagħmlu dak ix-xogħol, għax jibżgħu li jekk ma jagħmluhx, Salamun jgħażżibhom, u jixħet lilhom ġewwa n-nar.

Il-bjar jistgħu wkoll ikunu mgħammra minn erwieħ tajba, l-aktar minn ruħ ta' xi qaddis li kien jixrob minnhom, li jkun midfun fil-qrib. Jgħidu li waħda tifla minn Silwan (raħal taħt is-swar ta' Ġerusalem) daqs kemm kienet maħqura minn mart missierha, ma felħetx aktar u marret xteħtet ġewwa bir fil-qrib, jgħidulu Bir Għejjub. Hi u nieżla għajtet l-isem tal-qaddis, u f'daqqa deher raġel xiħ f'qiegħ il-bir u laqagħha f'dirgħajh. Qegħedha fuq blata bgħid mill-ilma u qalilha: "Tibżax, binti. Ħalli mmur ngħid lil abuk )missierek) jiġi għalik." Wara naqra

ġie missierha u tellagħha mill-bir u hadha d-dar. Malli wasal kećċa l-mara li kellu u bagħtha għand niesha u t-tifla baqgħet tgħix fil-ħena minn dak il-ħin 'il quddiem.

Jgħidu li n-nies għandu jkollhom qima lejn l-għejjeun tal-ilma u ebda mara ma għandha tersaq lejn għajn jekk ma tkunx safja. Jekk xi mara nieġsa tersaq fuq għajn, ir-ruħ tal-ilma tista' tgħakkisha b'xi marda, inkella tgħakkes ir-raħal kollu billi l-ilma jinqata'. Hekk jiġri drabi lill-għajn tal-ilma ta' Ħirbet Nuta, li qegħda bejn il-krum (egħlieqi tad-dwieli) in-naħa ta' raħal jismu Betunja, li tgħammar fiha r-ruħ tax-Xiħ Saleħ. Meta l-għajn tonqos u drabi taqta' għal kollox, in-nies tar-raħal jemmnu li tkun imliet l-ilma minnha xi mara waqt żmien l-inġiesa. Għal hekk, biex Xiħ Saleħ jaħfrilhom, jidbħulu nagħġa u l-għajn targa' tibda tagħti l-ilma bħal qabel xorta waħda.

Xi drabi r-ruħ tal-ilma tieħu għamla ta' xebba sabiħa, liebsa libsa bajda, imżejna donnha għarusa, li toqgħod fuq ħaġra qrib il-għajn tomxot xuxitha. Xuxitha tkun imdendla nofsha fuq daharha u nofsha fuq sidirha. Jekk jiġi xi xebb jimla' l-ilma, tibda titħaddet miegħu u ftit ftit tħajjru jmur idur dawra magħha. Jekk imur, jew ma jarġax jiġi aktar, jew jiġi wara ħafna snin. Hekk (dejjem kif jgħidu l-Fellaħin) wieħed xebb ta' għoxrin sena minn raħal jismu Bir iż-Żejt, li mar darba waħda fil-għaxija jġib l-ilma minn Għajn il-Ħammam, u ma raġax deher qabel seba' snin, u qal kull ma kien ġralu.

Xi drabi r-ruħ tieħu għamla ta' gidja maħruba. Jekk xi żagħżugħ imur jiġri warajha biex jaqbadha, tibqalu sejra fil-barr u hemm, kif ikun waħdu titbiddillu f'xebba sabiħa u tibda tħajru biex imur magħha. Meta xi ħadd jiġrilu hekk, jgħidu il-Għarab, għandu jgħid "B'Ism Allaħ!" jew, jekk ikun Nisrani, "B'Ism is-Salib", jew "B'Ism Marjam il-Għadra!" (il-Madonna) jew b'isem xi qaddis. Meta jkun hemm xi bhima ħdejn xi bir, biex tara jekk hix ruħ, ħarsilha lejn għajnejha. Għax flok ħabba, f'għajnejha, jekk tkun ruħ, ikollha sing iswed, minn ġenb għal ġenb.

Jekk ruħ minn dawn ma tkellmekx hi l-ewwel, tagħmel ħażin jekk tkellimha, għax taqa' fuqek xi xorti ħażina. Hekk ġralu darba wieħed xebb jismu Ħsien, mir-raħal tal-Wilġa. Dan kien jagħmel il-għassa ma' ġnien li kien fih għajn jgħidulha Għajn Ħantax. Lejla waħda ħada l-għajn ra xebba qegħda tomxot, fuq ħaġra. Mar iżiegħel biha imma hi keċċietu. Daqs kemm staħa u ħass ruħu miksur, il-għada qata' grieżmu b'sikkina.

Wieħed Nisrani minn Ramalla, jismu Jagħkub Abu Rukkab, darba waħda, fil-għodu bikri mar barra mir-raħal jaqta' x-xewk għan-nar. Kif qata' li kellu jaqta' u kien sejjer lejn id-dar, ifittex il-ħmara u ma jsibhiex. Ftakar li hemm kien hemm għajn mirsuda (fiha ruħ), li jgħidulha Għajn il-Qasar, u qal: "B'Ism is-Salib il-Ħaj!" Malli qal hekk, iħares u jara l-ħmara marbuta fejn kien ħallieha. Għabbieha x-xewk u kien sejjer imma sama' leħen ħelu ta' xebba li qaltlu "Ja Jagħkub, istenne xwejje!" U kif dar ra xebba sabiħa liebsa ta' għarusa u stednitu biex imur magħha. Intebaħ li kienet ruħ, u qal: "B'Ism Allaħ!", u hi ma dehretx aktar. Imma Jagħkub bil-qatgħa wasal id-dar itemtem u bil-kemm sata' jfiehem lil martu x'kien ġralu. Wara xi jumejn, għama, u baqa' jsemmi l-ġmiel ta' dik ix-xebba, u ma riedx jiekol aktar u wara ftit miet.

Patri Ubertinu Berti, O.F.M.

# SALVE REGINA

**BIL-PALESTIN**

Is-selêm għalîki, ja Sultâna, ja omm ir-raħma. Is-selêm għalîki, ja ħajâtna,, ja ħalwâtna, u ja raġagħna. Nasroħ ilejki, aħna l-menfijin, awlâd Ħawwa. Netneħħed ilejki, neħjin u bekjin, fi ħêda l-wâdi, wâdi d-dmugħ. U li dâlek, ja xafigħâtna, mîli lejna bi nadrek il-ħanûn. U arîna bagħad ħêda l-manfa, Jesugħ tamrat batânki l-imbârka. Ja ħanûna, ja ruqûfa, ja ħelwa Mirjam il-batûl! Selli 'l eġilna, ja wâldet Allâħ l-qaddisa! Li kej nastħoqq muwâgħed il-Massîħ. Amien.

**BIL-MALTI**

Is-sliem għalik, Sultana, omm talħniena. Sliem għalik, ħajja, ħlewwa u tama tagħna. Lilek ingħajtu, aħna l-itturrufnati, ulied Ewa. Nitniehdu għalik, nolfqu u nibku f'dan il-wied, wied tad-dmugħ. U għal hekk, ja *avukata* tagħna, mîl lejna b'ħarsek ilħanin. U urina wara dan in-nefi lil Ġesù, frotta mbierka tal-ġuf tiegħek. Ja ħanina, ja *pija,* ja ħelwa Marija *verġni*! Itlob għalina, ja wielda ta' Alla, l-qaddisa! Biex nistħoqqu l-wegħdiet ta' Kristu. Amen.

---

## QWIEL TAL-PALESTINA

Wa law kân ir-raġol faħma, qagħdu fid-dar raħma. Qawl qisu bil-Malti. Imma aħna mhux hekk ngħidu. Ngħidu: "Raġel id-dar, bħal taġen fuq innar", dejjem jara x'jaqla, u dejjem igemgem.

Il-mara, men raġġalha, u l-faras men ħajjalha. *Il-mara tkun kif imexxiha r-raġel u d-debba kif isuqha min jirkibha.*

Ja arâmel, ja banât, ħennu għal mutġawwiżat! *Ja romol, ja xebbiet, ħennu għan-nisa miżżewġin*! Ma nafx x'iridu jgħidu biha.

Ibnek, wa hu żgħir, rabbihu; wa hu kbir, ħawihu. *Lil ibnek, meta jkun żgħir, kunlu bħal imgħallem, meta jikber kunlu bħal ħuh.* Jiġifieri: meta jikber kellmu u afda bih, imma *tikkmandahx*.

Ħammluni ħamlejn u la tħammluni bin sentejn. *Għabbuni b'żewġ tagħbijiet u la tgħabbunix b'tifel ta' sentejn.* Jista' jkun, għax billi jkun jaf jimxi, u għadu bla għaqal, joqgħod jaħrablek 'il hawn u 'l hemm, jew billi jkun beda jitkellem, jeħodlok rasek bil-mistoqsijiet.

Ġewweżt binti, rtħajt bilâħa; aġat bi tmenja warâħa! *Żewweġt lil binti u straħajt mingħajrha; wara ftit, ġiet bi tmienja warajha.* Jiġifieri, dak li ħsibtu ġid, sefagħli deni.

Id-deher magħâk, teinek bi maħasen għajrak. *Meta x-xorti tkun miegħek, il-ġid ta' l-oħrajn jiġi għandek;* jiġifieri, jekk tkun xortik tajba, kull ma tagħmel joħroġlok tajjeb, u l-oħrajn jiftaqru u inti tistagħna.